MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Numru. 928/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**

**KONTRA**

**OMAR PISANI**

**Il- Qorti;**

Wara li rat l- imputazzjonijiet migjuba kontra;

Omar Pisani ta’ 29 sena, bin Emanuel u Grace nee’ Camilleri, mwieled Pieta’ fit- 8 ta’ Frar 1982, residenti Block 3, Flat 4, Triq Betta, Tarxien u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 125882;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) nhar it- 18 ta' Lulju 2010 ghall- habta ta' bejn it- 15.30hrs u l- 16.30hrs minn gewwa x- Xatt ta' Triq iz- Zonqor, Marsaskala kkommetta serq ta' basket li kien fih hwejjeg, zewg mobile phones, cavetta u wallet b' xi dokumenti u flus kontanti, propjeta' ta' Jean Mark Rapa u Deborah Maria Buttigieg liema serq huwa aggravate bil- valur li jeccedi €232.94 izda ma jeccedix €2329;

2) ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il- provedimenti tal- Artikolu 28A Kap 9 tal- Ligiijiet ta' Malta billi kkometta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il- perjosu ta' sentenza sospiza ghal erba' snin moghtija lilu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D nhar is- 16 ta' Novembru 2007 kif ukoll waqt il- perjodu ta' sentenza sospiza ghal sentejn moghtija lilu nhar it- 13 ta' Gunju 2005 mill- Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.D liema sentenza kienet regghet giet estiza ghal erba' snin mill- Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D nhar is- 16 ta' Novembru 2007 kif ukoll kiser ordni ta' probation skont l- Artikolu 7 tal0 Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta f' sentenza moghtija lilu mill- Magistrat Dr. Anthony J. Vella LL.D nhar l- 10 ta' Gunju 2010.;

Rat id- dokumenti kollha ezebiti;

Rat l- atti kollha tal- kawza;

Semghet ix- xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-kawza tittratta serq ta’ basket minn hdejn il-bahar fis-sajf tas-sena 2010, meta l-imputat kien ghaddej minn zmien difficli f’hajtu u ma kienx ghadu sab sens ta’ direzzjoni. Minn dak iz-zmien l-imputat ghamel programm ta’ rijabilitazzjoni, u llum ghandu impieg fiss u prospetti tajba fil-hajja tieghu. Dan l-incident, minghajr ma timminimizzah iz-zejjed, hu wiehed ta’ portata zghira meta mqabbel ma’ reati hafna aktar gravi, izda l-effetti tieghu jistghu jkunu devastanti fuq l-imputat. Apparti l-akkuza ta’ serq, hemm ukoll il-ksur ta’ sentenzi sospizi u ksur ta’ Ordni ta’ Probation, li jaghmlu x-xoghol ta’ din il-Qorti daqshekk aktar difficli. Madankollu, il-Qorti semghet lill-istess Ufficjal tal-Probation inkarigata mis-sorveljanza tieghu, u hi kellha kliem ta’ tifhir fuq il-progress milhuq minnu. Ghalhekk il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tiddisturba dan il-progress milhuq mill-imputat fuq serq ta’ basket, aktar meta parti mir-res furtiva kienet giet ritornata ftit taz-zmien wara l-incident mertu ta’ din l-istess kawza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 267, 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta’ mitejn ewro (€200). Tordna ordni ta’ servizz fil- komunita ghal mitt (100) siegha. Tastjeni minn li tiehu konjizzjoni tas- sentenzi ndikati.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------